**302. L-Onor. Tonio Borg MP, Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern jipproponi:-**

Peress illi bis-saħħa ta' l-Ordni Permanenti 120B, il-Kamra tista' fuq mozzjoni taħtar dawk il-Kumitati Permanenti li jidrilha xierqa għall-konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet;

Billi bħalissa l-Kamra qed tiddibatti l-Abbozz ta' Liġi Nru 100 msejjaħ Att ta' l-2007 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port;

Billi jeħtieġ li għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Abbozz partikolari, hemm bżonn ta' Kumitat sabiex jikkunsidra dan l-Abbozz, apparti l-Kumitat Permanenti mwaqqaf b'riżoluzzjoni ta' din il-Kamra tas-17 ta' Ġunju, 2003 (Mozzjoni Nru 54);

Din il-Kamra wara li rat l-Ordni Permanenti 120B, tirrisolvi:

a) li twaqqaf Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' l-Abbozzi ta' Liġijiet, liema Kumitat jibqa' mwaqqaf speċifikament għall-konsiderazzjoni ta' l-Abbozz Nru 100, u sakemm dan l-Abbozz jgħaddi mill-istadji kollha fil-Kamra;

b) li tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu f'dan il-Kumitat Permanenti u li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skond l-għadd ta' membri tal-Gvern u ta' l-Oppożizzjoni jkun ta' 7, b'dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern inkluż il-President ta' l-istess Kumitat u 3 minnhom ikunu min-naħa ta' l-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina ukoll bħala President ta' dan il-Kumitat li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti, lill-Onorevoli Mario de Marco, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skond kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3).

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

17.7.07